DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2021/1984

tal-15 ta' Novembru 2021

li timplimenta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/255/PESK tal-31 ta' Mejju 2013 dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 30(1) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Mejju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/255/PESK.

(2) Fid-dawl tal-gravità tas-sitwazzjoni fis-Sirja, u meta jitqies t-tibdil reċenti fil-Gvern Sirjan, jenħtieġ li jiżdiedu erba' persuni mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK. L-informazzjoni relatata ma' ħames persuni diġà elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK jenħtieġ li tiġi aġġornata.

(3) Għaldaqstant jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2013/255/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
J. BORRELL FONTELLES

([1]) ĠU L 147, 1.6.2013, p. 14.

ANNESS

L-Anness I għad-Deċiżjoni 2013/255/PESK huwa emendat kif ġej:

(1) L-entrati li ġejjin jiżdiedu mal-lista li tinsab fit-Taqsima A (Persuni):

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
"312.	Amr SALEM (عمرو سالم)	Data tat-twelid: Jannar 1958; Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Maħtur f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	15.11.2021
313.	Boutros AL-HALLAQ (بطرس الحلاق)	Post tat-twelid: Il-kampanja ta' Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Ministru għall-Informazzjoni. Maħtur f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	15.11.2021
314.	Mohammad SEIFEDDINE (magħruf ukoll bħala Seif Eddin, Seif El Din) (محمد سيف الدين)	Sess: raġel	Ministru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali. Maħtur f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	15.11.2021
315.	Diala BARAKAT (ديالا بركات)	Data tat-twelid: 1980; Sess: mara	Ministru tal-Istat. Maħtura f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, tikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	15.11.2021"

(2) Fit-Taqsima A ("Persuni"), l-entrati li ġejjin huma sostitwiti kif ġej:

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
'167.	Dr. Jassem Mohammad ZAKARIA (magħruf ukoll bħala Mohamed, Muhammad, Mohammed, Jasem)	Data tat-twelid: 1968 Sess: raġel;	Eks Ministru għax-Xogħol u l-Affarijiet Soċjali. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2012
229.	Abdullah ABDULLAH (عبدالله عبدالله)	Data tat-twelid: 1956; Sess: raġel	Ministru tal-Istat. Maħtur f'Awwissu 2021. Bħala Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	14.11.2016

	Isem	Informazzjoni ta' identifikazzjoni	Raġunijiet	Data tal-elenkar
259.	Imad Abdullah SARA (عماد عبدالله صارة)	Data tat-twelid: 1968; Post tat-twelid: Damasku, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Informazzjoni. Maħtur f'Jannar 2018. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	26.2.2018
296.	Talal AL-BARAZI (magħruf ukoll bħala Barazi) (طلال البرازي)	Data tat-twelid: 1963; Post tat-twelid: Il-belt ta' Hama, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru għall-Kummerċ Intern u l-Protezzjoni tal-Konsumatur. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	16.10.2020
309.	Malloul (magħruf ukoll bħala Maloul) HUSSEIN (magħruf ukoll bħala AL-HUSSEIN) **(ملول حسين)**	Data tat-twelid: 1950; Post tat-twelid: Il-Governorat ta' Al-Hasakah, is-Sirja; Sess: raġel	Eks Ministru tal-Istat. Bħala eks Ministru tal-Gvern, jikkondividi r-responsabbiltà għar-repressjoni vjolenti tar-reġim Sirjan kontra l-popolazzjoni ċivili.	6.11.2020"